MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 142/2014

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C- 2833)

vs

Gesarell **FORMOSA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fl-14 ta’ Frar, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fit-tliet (3) kitbiet privati tad-9 ta' April, 2009, tal-15 ta' Ottubru, 2009 u tat-13 ta' April, 2010, (u hawn esebiti bhala Dokument "A" sa "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-parti mħarrka (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta attriċi kif stipulat fl-imsemmija kitbiet privati, (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunt fl-istess kitbiet privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrek Gesarell Formosa li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi.

(ii) Tikkundanna lill-parti mħarrka Gesarell Formosa tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€24,460.42) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Account"* ta' l-istess parti mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1 sa D2", "E1 sa E2", Dok "F" u Dokti "G1 sa G15") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Jannar, 2014, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhud tas-soċjeta rikorrenti waqt is-smigħ tal-lum tikkonferma l-bilanċ dovut mill-parti mħarrka;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-kontumaċja tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitbiet privati tad-9 ta' April, 2009, tal-15 ta' Ottubru, 2009 u tat-13 ta' April, 2010, billi l-parti mħarrka naqset li tħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabtet li tagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess parti imħarrka naqset li twettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabtet bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jolqtu ħazin il-possibilta tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf erba' mija u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€24,460.42) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Account*" tiegħu flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mill-21 ta' Jannar, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek biex iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------